MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 291/2013

**Easygas Malta Limited [C-45789]**

**vs**

**Greenstar Limited [C-49101]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-13 ta' Mejju, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' elf tlett mija u sittax-il euro u wiehed u sebghin ċenteżmi ta' euro [€1,316.71c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Ammont dovut ghal gas mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta attriċi lis-socjeta konvenuta f'diversi okkazzjonijiet.

Is-socjeta konvenuta minkejja li nterpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali b'effett mill-4 ta' Jannar, 2013 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-3 ta' Lulju, 2013, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Settembru, 2013 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf tlett mija u sittax-il euro u wiehed u sebghin ċenteżmi ta' euro [€1,316.71c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------